MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 184/2011

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A B li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-attrici zzewget lill-konvenut nhar it-8 ta’ Gunju 1990;

2. Illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti kellhom zewgt itfal, Francesca u Josefa ahwa B, illi llum ghandhom ghoxrin (20) sena u sittax (16)-il sena rispettivament;

3. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibli minhabba sevizzi, eccezzi, minacci, vjolenza

fizika u psikologika u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-esponenti;

4. Illi l-esponenti kellha tallontana ruhha mid-dar matrimonjali minhabba biza' ghall-inkolumita taghha;

5. Illi l-esponenti ghamlet diversi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim ghal separazzjoni konsenswali izda dawn it-tentattivi kienu kollha ghal xejn;

6. Illi l-esponenti giet debitament awtorizzata tipprocedi b'din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar 1-4 ta' April, 2011, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument RM2";

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha premessi, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u illi jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet ta' l-esponenti illi qieghda hawn titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal raguniiiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet ta' l-artikolu 48 (c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta tistabbilixxi d-data minn meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat flati tal-firda;

2. Tawtorizza lill-esponenti tghix separata minn zewgha:

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Josefa B tigi fdata lill-attrici, salv l-access tal-konvenut illi jigi ezercitat fil-granet u fil-hinijiet illi jigu stabbiliti ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti;

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-esponenti martu, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata ghall-htigijiet ta' l-imsemmija minuri Josefa B, illi tigi iffissata minn dina l-Onorabbli Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pagabbli mill-

konvenut lill-istess esponenti fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti u dana flimkien ma' zidiet periodici ghall-gholi tal-hajja u tordna sabiex tali retta alimentarja tithallas direttament minn kull dhul percepibbli mill-konvenut;

5. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-esponenti martu, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi iffissata minn dina l-Onorabbli Qorti, skont il-mezzi tal-konvenut u t-bzonnijiet ta' l-esponenti, pagabbli mill-konvenut lill-istess esponenti fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-esponenti, minflok dak il-manteniment jew parti minnu, somma globali li fil- fehma ta' dina l-Onorabbli Qorti tkun bizzejjed sabiex l-esponenti tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill- konvenut;

6. Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-assi u dejn formanti l-istess komunjoni u tordna illi l-istess jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti u liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-esponenti u wahda lill-konvenut billi, okkorrendo ghal finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni;

8. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-esponenti l-beni kollha dotali u parafernali taghha u tordna illi l-esponenti tigi moghtija l- pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

9. Tordna illi d-dar matrimonjali 53, St. Mary Street, Zejtun tigi okkupata mill-esponenti flimkien ma' uliedha bl-eskluzjoni tal-konvenut;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta’ dokumenti tal-attrici.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C B li permezz taghha ippremetta u eccepixxa s-segwenti:-

Illi in kwantu l-ewwel talba attrici, filwaqt li l-esponent jikkonferma li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, pero' ghal kuntrarju ghal dak li qed tallega l-attrici, dan gara minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici stess u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk din it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici ;

Illi rigward it-tieni talba attrici, l-esponenti ma jsib l-ebda oggezzjoni;

Illi rigward it-tielet talba attrici, l-esponent ma joggezzjonax;

Illi rigward ir-raba’ talba attrici, l-esponenti ma joggezzjonax li jhallas manteniment adegwat lil minuri Josefa B purche dan ikun manteniment ragonevoli skont il-mezzi ta' l-esponenti minhabba li l-esponenti stess ilium il-gurnata huwa pensjonant kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

Illi rigward il-hames talba attrici, l-esponenti joggezzjona ghaliex il-kontroparti mhux talli hi kapacissima biex tahdem imma difatti diga' tahdem bi qliegh gewwa cafeteria il-Belt Valletta bl-isem "Il-Kikkra", kif hekk ser jigi ppruvat fil- mori tal-kawza u meta trid l-istess attrici tista' zzid il-hinijiet tax-xoghol taghha u ddahhal aktar qliegh; in oltre kienet l-attrici li kkawzat it-tmiem taz-zwieg u allura, f'kull kaz, iddekadiet mid-dritt taghha li titlob manteniment; din it-talba ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici;

Illi rigward is-sitt talba attrici, ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici stante illi mhux minnu illi l-esponent huwa hati ghat-tkissir taz-zwieg, izda htija ta' l-attrici stess kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

Illi rigward is-seba' talba attrici, l-esponent m'ghandux kontestazzjoni izda jikkontendi li l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet tigi likwidata tenendo kont li l-htija ghat-tkissir taz-zwieg hija imputabbli lill-istess attrici;

Illi rigward it-tmien talba attrici, l-esponent m'ghandux oggezzjoni;

Illi rigward id-disa' talba attrici, l-esponenti joggezzjona u ghalhekk l-istess talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici;

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta’ dokumenti tal-konvenut.

Rat illi fit-22 ta’ Novembru 2012 il-partijiet flimkien ipprezentaw abbozz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali liema abbozz gie approvat b’digriet tal-istess data.

Rat illi fis-7 ta’ Dicembru 2012 gie ppubblikat il-kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali ta’ bejn il-partijiet.

Rat illi fil-11 ta’ Frar 2013 l-attrici ipprezentat rikors li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi dan huwa rikors ai fini tal-Artikolu 66F tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li permess taghha r-rikorrenti qieghda titlob li t-talba taghha ghas-separazzjoni maghmula f'din il-kawza ghandha minflok titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju.

Illi r-rikorrenti kienet intavolat proceduri ta' separazzjoni kontra zewgha li fil-fatt huma l-proceduri odjerni.

Illi fil-mori l-partijiet ffirmaw kuntratt fl-atti tan-Nutar Josef Masini Vento, permezz ta' liema huma sseparaw u dan wara li din l-Onorabbli Qorti kienet hekk awtorizzat lill-partijiet.

Illi ai termini tal-artikolu 66B jigi rilevat:

a. Illi l-partijiet kienu ilhom ma jghixu ta' mizzewgin ghal aktar minn erba' (4) snin u dan kif jirrizulta mill-affidavit tar-rikorrenti hawn anness u mmarkat Dokument RM1.

b. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

c. Illi l-ulied tal-partijiet huma magorenni u ma hemmx arretrati ta' manteniment dovuti.

Illi huwa ghalhekk illi dak kollu mitlub mid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa fl-umli fehma tar-rikorrenti sodisfatt.

Ghaldaqstant r-rikorrenti titlob bir-rispett lill din l-Onoraabbli Qorti sabiex joghgobha tilqa t-talba tar-rikorrenti u tordna illi t-talba taghha ghas-separazzjoni maghmula f'din il-kawza ghandha minflok titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-konvenut ma opponiex ghal din it-talba.

Rat illi b'sentenza in parte moghtija aktar qabel illum ir-rikors tal-attrici tal-11 ta' Frar 2013 gie milqugh u l-Qorti ordnat li l-kawza fl-ismijiet premessi ghandha titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta' Gunju 1990 u minn dan iz-zwieg kellhom zewg itfal li llum wahda biss ghadha minorenni.

Illi fis-7 ta' Dicembru 2012 il-partijiet resqu fuq kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fejn irregolaw il-kura, kustodja u manteniment tal-minuri.

Illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

**Decide**.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti; tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet u ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------